MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GIANNINO CARUANA DEMAJO

Seduta tat-2 ta' Frar, 2006

Citazzjoni Numru. 639/1997/1

**Ursola Delicata, Margherita Delicata, Anton Delicata, Vincent George Delicata u Gustav Delicata; u b'dikriet ta' l-24 ta' Frar 2000, wara l-mewt ta' Ursola Delicata, il-kawża tkompliet fil-persuni ta' Margherita Delicata, Anton Delicata, Vincent George Delicata u Gustav Delicata; u b'dikriet tat-2 ta' Frar 2006 Vincent George Delicata waħdu assuma l-atti minflok l-atturi l-oħrajn**

***Versus***

**Joseph Scicluna, Maria Scicluna ġà Guillaumier u Doris Grech**

Din il-kawża hija dwar qsim ta' proprjetà komuni.
Iċ-ċitazzjoni tgħid illi l-partijiet flimkien huma komproprjetarji (a) tal-klawsura magħrufa *ta' Għonq iż-Żiemel* fil-kuntrada *tal-Ħammieri* fil-limiti ta' Ħal Qormi, tal-kejl ta' erbat itmien, żewġ sigħan u tmien kejliet, u tmiss mit-tramuntana ma' għalqa li kienet tal-Knisja Parrokkjali

ta’ Ħal Qormi, mill-punent ma’ raba’ ta’ Maria Pisani jew suċċessuri tagħha, min-nofsinhar ma’ raba’ ta’ Carmela Briffa jew suċċessuri tagħha, u mil-lvant ma’ beni li kienu tal-Kanonku Giovanni Farrugia, u (b) ta’ l-utli dominju perpetwu tal-klawsura *ta’ l-Imgħawġ*, fil-kuntrada *tax-Xagħjra* fil-limiti ta’ Ħaż Żabbar, tal-kejl ta’ sitt itmien u sigħ, tmiss mil-lvant mat-triq, min-nofsinhar ma’ Sqaq Bendu, mill-punent ma’ beni ta’ Francesca Griscti jew suċċessuri tagħha, u mit-tramuntana ma’ beni ta’ Antonio Lia jew suċċessuri tiegħu, u li fuqha jitħallas ċens ta’ tlieta u tmenin ċenteżmu u tliet milleżmi (83c3) fis-sena. Billi l-istess partijiet għandhom l-istess ishma, iż-żewġ kawżi nstemgħu flimkien sabiex issir qasma waħda.

Billi ma ridux illi din il-proprjetà tibqa’ komuni, l-atturi talbu illi l-qorti:

1. tordna l-qsim tal-proprjetà b’mod illi kull parti tingħata s-sehem li jmiss lilha;
2. taħtar Nutar Pubbliku sabiex jippubblika l-att ta’ qsim fil-jum, post u ħin li tgħid il-qorti;
3. taħtar kuraturi biex jidhru f’isem min ma jersaqx għall-pubblikazjoni ta’ l-att;
4. jekk il-proprjetà ma tistax tinqasam komodament, tordna illi flok tinqasam tinbigħ b’liċitazzjoni;
5. tgħid fejn u meta għandu jsir il-bejgħ b’liċitazzjoni; u
6. tagħti dawk il-provvedimenti li jidhrulha xierqa u meħtieġa biex il-proprjetà tinbigħ b’liċitazzjoni u r-rikvat jinqasam bejn il-partijiet fl-ishma tagħhom.

Talbu wkoll l-ispejjeż.

Waqt is-smigħ tal-kawża l-attur Vincent George Delicata kiseb l-ishma ta’ l-atturi l-oħra, u kiseb ukoll is-sehem ta’ Maria Scicluna, u għalhekk ċeda l-kawża safejn magħmula kontra Maria Scicluna.

L-ishma tal-partijiet għalhekk ġew hekk: l-attur Vincent George Delicata għandu ħmistax-il sehem minn sittax ($^{15}/16$), il-konvenut Joseph Scicluna għandu sehem wieħed minn tnejn u tletin ($^{1}/32$), u l-konvenuta Doris Grech ukoll għandha sehem wieħed minn tnejn u tletin ($^{1}/32$).

Bejn l-istess partijiet kien hemm ukoll kawża oħra (ċitazzjoni nru 638/1997) fejn intalab ukoll il-qsim tal-għalqa fil-limiti tal-Gudja magħrufa bħala *ta’ Loreto*, tal-kejl ta’ *circa* żewġ tomniet u ħames sigħan, tmiss mit-

tramuntana ma Triq ta' Loreto, mill-punent mal-kappella magħrufa bħala ta' Loreto, min-nofsinhar ma' art ta' Slavuta Ginaon jew suċċessuri tagħha, u mil-lvant ma Sqaq ta' Ħmar.

Billi l-partijiet għandhom l-istess ishma mill-proprjetajiet kollha, iż-żewġ kawżi nstemgħu flimkien u, billi l-kawża l-oħra nqatgħet illum ukoll u ordnat il-qsim tal-proprjetà kollha, ukoll ta' dik il-proprjetà illi l-qsim tagħha ntalab f'din il-kawża tallum, ma hux meħtieġ illi jingħata provvediment ieħor ħlief illi l-qorti torda illi l-qsim isir kif trid is-sentenza li ngħatat illum fl-atti taċ-ċitazzjoni 638/1997.

Tordna wkoll illi l-ispejjeż ta' din il-kawża jinqasmu hekk: l-attur Vincent George Delicata jħallas ħmistax-il sehem minn sittax ($^{15}/16$), il-konvenut Joseph Scicluna jħallas sehem wieħed minn tnejn u tletin ($^{1}/32$), u l-konvenuta Doris Grech ukoll tħallas sehem wieħed minn tnejn u tletin ($^{1}/32$).

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------